# Minuti

## Seduta Nru. 32/2012

Data: Il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

Assenti:

- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Garaxx fis-Swatar;
6. Proposti għall-Emendi fit-*Traffic Management*;
7. Proġett tal-Bandi tas-Swatar;
8. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
10. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 32/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Minuti 32/2012

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 31/2012 kienu tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni fil-minuti fejn żdiedet sentenza f'punt 3.4 '*Is-Sur Cini esprima d-diżappunt tiegħu li l-proġett waqaf*'. Din il-korrezzjoni ġiet proposta mis-Sur Cini, issekondata mis-Sa Mangion u approvata unanimament mill-Kumitat. Il-Minuti ġew approvati nem con.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq Punt 3.2 –** Kien hemm diskussjoni dwar ir-rotot tal-Arriva fejn ingħad li għalkemm żdiedu tlett rotot ġodda f'Birkirkara, iż-żona tas-Swatar ma tawx kasha. Barra minn hekk il-proposti tal-ħinijiet li għamel il-Kumitat ma twettqux l-anqas. Rotot tal-Arriva

**3.2** **Fuq punt 3.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li ser issir laqgħa mal-HSBC u l-Kumitat ser jipproponi xi attivitajiet li jistgħu isiru mill-HSBC ġewwa s-Swatar. Laqgħa mal-HSBC

**3.3** **Fuq Punt 3.4 –** *Iċ-Chairperson* qalet li x-xogħlijiet li kienu qed isiru għandhom jitkomplew. Iċ-*Chairperson* qalet li ħadet parir legali fuq bażi personali li jekk isir xi ħaġa bla permess, huwa fid-dmir tagħha li tiġbed l-attenzjoni. Għalqa tas-Sisla

**3.4** **Fuq Punt 8.1.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta tad-Direttur, Gvern Lokali fejn irrisponda li l-Kumitat stess jista' jagħmel il-laqgħa mal-President ta' Malta. Il-Kumitat iddeċieda li tinkiteb ittra mill-Kumitat sabiex issir laqgħa ta' korteżija mal-Presidrent ta' Malta dwar il-BLS. Laqgħa mal-President

**3.5** **Fuq Punt 9.2 –** Il-Kumitat iddeċieda li tinkiteb ittra bl-avukat lill-Kulleġġ biex jinżammu responsabbli għad-dannu ta' inkonvenjenza lir-residenti kemm il-darba ma tinstabx soluzzjoni biex il-konġestjoni tat-traffiku jispiċċa. Traffiku fit-Triq ta' St Martins College

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 5. Garaxx fis-Swatar

**5.1** Wara diskussjoni dwar jekk il-Kumitat għandux jakkwista dan il-garaxx u dwar l-ispejjeż involuti, iċ-*Chairperson* qalet li ser tipprova ġġib il-garaxx mingħajr ħlas. Il-Kumitat iddeċieda li dan is-suġġett għandu jibqa pendenti sakemm ikun hemm xi żviluppi oħra. Garaxx fis-Swatar

## 6. Proposti għall-Emendi fit-Traffic Management

**6.1** Is-Sur Cini qal li diversi residenti avviċinawh sabiex *Triq iż-Żernieq from c/w Triq Mro Gużeppe Camilleri up to c/w Triq Anthony Valletta changes its two way system to a one way system in direction to Triq iż-Żernieq*. Dan huwa neċċessarju għas-sigurta' tas-sewwieqa kif ukoll għan-nies li jkunu għaddejjin Emendi fit-Traffic Management Proposti - Bikirkara

minn hemm. Il-Kumitat qabel unanimament ma dan it-tibdil.

**6.2** Il-Kumitat iddeċieda li għall-fini ta' siġurta' fit-Triq it-Torri għandhom jitwaħħlu poles tal-plastic biex jiddividu iż-żewġ lanes għax diversi karozzi li jkunu direzjonati għal Mater Dei jaqbżu fuq il-lane l-oħra kmieni wisq b'konsegwenza ta' periklu għal min ikun ġej mit-triq l-oħra.

**6.3** Il-Kumitat iddeċieda li fit-Triq Grosseto k/a Triq is-Sisla issir stop sign.

**6.4** Il-Kumitat iddeċieda li fit-Triq it-Torri ħdejn il-banka tal-lottu u fejn il-Bus Stop għandu jinfetaħ għall-Triq Dun Karm għall-konvenjenza tar-residenti tas-Swatar. Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li ssir laqgħa mas-Sur Josie Brincat tat-TM fuq din l-issue. Din il-laqgħa issir biss biex il-Kumitat jara jekk din ma tistax iseħħ minħabba li din iż-żona hija fil-konfini tal-Kunsill ta' Birkirkara u t-talba formali tista' ssir biss minnhom.

## 7. Proġett tal-Bandi tas-Swatar

**7.1** Kien hemm diskussjoni dwar ix-xogħlijiet pendenti li hemm fil-bandli fejn iċ-*Chairperson* proponiet li tiġi miftehma data sabiex isir il-ftuħ uffiċċjali tal-grawnd. Il-Kumitat qabel unanimament li dan l-avveniment isir fis-26 ta' Jannar 2013 fl-10am, jiġu mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill tal-Imsida, titwaħħal plakka fid-daħla tal-grawnd, jitbierek il-grawnd u tiġi mistiedna l-media kollha.

Bandli tas-Swatar

## 8. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**8.1** Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**9.1** Iċ-*Chairperson* qalet t-tabella ħdejn il-ħanut X-Zone trid tinqala għax imwaħħla mingħajr permess.

Tabella ħdejn il-ħanut X-Zone

**9.2** Iċ-*Chairperson* qalet li kif tkun dieħla lejt is-Swatar minn naħa tal-HSBC, il-ħaxix għandu jerġa jinqata' jew isir turf għax il-karozzi li jkunu ħerġin minn hemm ma jkunux jistgħu jaraw bil-ħaxix twil.

Ħaxix twil

**9.3** Iċ-*Chairperson* qalet li hemm persuna li lesta li tagħti lezzjonijiet b'xejn tal-Crafts. Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel flyer b'informazzjoni ta' dan il-kors u jitqassam fiż-żona tas-Swatar.

Korsijiet tal-Crafts

## 10. Għeluq u Aġġornament.

**10.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.5 | Traffiku fit-Triq ta' St Martins College | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.1 | Emendi fit-Traffic Management Proposti - Bikirkara | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 7.1 | Bandli tas-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 9.0 | Komunikazzjoni miċ-Chairperson | Aġent Segretarju Eżekuttiv |